



Brussell, 18 ta' Frar 2022  
(OR. en)

6258/22

**LIMITE**

CORLX 104  
CFSP/PESC 167  
RELEX 186  
COASI 39  
COARM 42  
FIN 163

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 401/2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma

## **REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/...**

**ta'...**

### **li jemenda r-Regolament (UE) Nru 401/2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/... ta' ... 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2013/184/PESK dwar il-miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma<sup>1+</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L ..., ..., p. ....

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġibok daħħal in-numru tas-serje u d-data ta' ST 5700/2022 u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 401/2013<sup>1</sup> iġib fis-seħħ diversi miżuri previsti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK<sup>2</sup>, inkluż l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta' ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi.
- (2) Fid-dawl tas-sitwazzjoni gravi kontinwa fil-Myanmar/Burma, fi ... 2022 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/...+, li żiedet 22 persuna u erba' entitajiet mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi stipulata fl-Anness għad-Deċiżjoni 2013/184/PESK.
- (3) Biex jiġu evitati konsegwenzi mhux intenzjonati tan-nomina ta' waħda minn dawk l-entitajiet, id-Deċiżjoni (PESK) 2022/...++, li tintroduċi fid-Deċiżjoni 2013/184/PESK deroga ġdida fir-rigward tal-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni li fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għal dik l-entità. Dik id-deroga tippermetti lill-operaturi tal-Unjoni jwettqu d-dekummissjonar tal-bjar taż-żejt u tal-gass f'konformità mal-istandardi internazzjonali u jtemmu l-kuntratti ma' dik l-entità.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 401/2013 tat-2 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 194/2008 (ĠU L 121, 3.5.2013, p. 1).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK tat-22 ta' April 2013 dwar il-miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma (ĠU L 111, 23.4.2013, p. 75).

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-adozzjoni u n-numru tas-serje ta' ST 5700/2022.

<sup>++</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tas-serje ta' ST 5700/2022.

- (4) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 401/2013 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Biex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## *Artikolu 1*

Fir-Regolament (UE) Nru 401/2013, jiddaħħal l-artikolu li ġej:

### *“Artikolu 4db*

B’deroga mill-Artikolu 4a, l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu għall-entità elenkata fl-entrata 10 fl-Anness IV, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dik l-entità, taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għal:

- (a) il-komplimenti relatati mad-dekummissjonar tal-bjar taż-żejt u tal-gass f’konformità mal-standards internazzjonali, bħar-rimi tal-iskart, l-attivitajiet ta’ rimedju tas-sit meħtieġa għas-sikurezza u r-restawr ambjentali, l-għoti ta’ assistenza teknika relatata, u l-ħlas ta’ taxxi u dazji relatati, kif ukoll is-salarji u l-benefiċċċi soċjali lill-impiegati; jew
- (b) it-trasferiment qabel il-31 ta’ Lulju 2022 ta’ ishma jew interassi neċessarju għat-terminazzjoni ta’ kuntratti konklużi mal-entità elenkata fl-entrata 10 fl-Anness IV qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendantorju].”.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---